MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Novembru 2015

Rikors Maħluf Numru: 366/15 LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**1. Property and Finishings Limited (C 47637)**
**2. Pierre Spiteri (K.I. numru 354771(M))**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") ippreżentat fl-21 ta' April, 2015 li jaqra hekk:

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'żewġ kuntratti, magħmula fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, wieħed minnhom datat 31 ta' Mejju 2010 (Dok. "A"), u l-ieħor datat 22 ta' Settembru 2010 (Dok B) is-soċjetà attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lis-soċjetà Property and Finishings Limited;*

*2. Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi tas-soċjetà Property and Finishings Limited fis-somma ta' (€303,082.08), bilanċ għad-debitu fil-"Loan and Overdraft Accounts" tas-soċjetà Property and Finishings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C", Dok "D1 sa D2" u Dok "E1 sa E2"), flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-9 t'Ottubru 2014 sad-data tal-effettiv pagament;*

*3. Illi permezz ta' żewġ kuntratti, magħmula fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, wieħed minnhom datat 31 ta' Mejju 2010 (Dok "A") u l-ieħor datat 22 ta' Settembru 2010 (Dok "B") u permezz ta' tliet skritturi privati, waħda minnhom datata 28 ta' Jannar 2010 (Dok "F"), oħra datata 11 ta' Mejju 2011 (Dok "G") u l-oħra datata 4 ta' Ġunju 2011 (Dok "H") il-konvenut Pierre Spiteri ggarantixxa flimkien u "in solidum" mas-soċjetà Property and Finishings Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debitu tal-istess Property and Finishings Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c.*

*4. Illi seħħew wahda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esibiti bħala Dokumenti. "A","B","F","G" u "H"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi soċjetà Property and Finishings Limited u Pierre Spiteri*

*(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati; (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm*

*bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess soċjetà Property and Finishings Limited u Pierre Spiteri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

*5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*6. Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' żewġ ittri uffiċjali datati 10 ta' Lulju 2014, (Dok "I" u "J"), sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (Dok "A","B","F","G" u "H"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi soċjetà Property and Finishings Limited u Pierre Spiteri (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess soċjetà Property and Finishings Limited u Pierre Spiteri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħazin il-possibbilta' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti kollha u ċioè lis-soċjetà Property and Finishings Limited u Pierre Spiteri jħallsu, flimkien u in solidum bejniethom, lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €303,082.08, bilanċ għad-*

*debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-soċjetà Property and Finishings Limited u Pierre Spiteri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C", Dok "D1 sa D2" u Dok "E1 sa E2"), flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-9 t'Ottubru 2014 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali datata 10 ta' Lulju 2014 kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.*

Rat l-atti tal-kawża inkluži d-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit ta' Joseph Caruana rappreżentant tas-soċjetà attriċi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2015 fejn, wara li aċċertat ruħha li l-konvenuti kienu debitament notifikati u li iżda ma kinux ipprezentaw risposta maħlufa, din il-Qorti ddikjarathom bħala kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Semgħet ix-xhieda ta' Rose Cortis, litigation officer tas-soċjetà attriċi li kkonfermat bil-ġurament li l-konvenuti ma kienu ħallsu xejn mid-debitu minn meta s-soċjetà attriċi ppreżentat ir-Rikors Maħluf tagħha.

Rat li fl-istess seduta din il-Qorti akkordat sa nofs Novembru lill-konvenuti biex iressqu nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12 iżda dawn baqgħu ma ressqu xejn.

Rat li fl-istess seduta tas-16 ta' Ottubru, 2015 il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

Jirriżulta li s-soċjetà attriċi ppruvat l-pretensjonijiet tagħha kif dedotti fir-Rikors Maħluf.

## Decide

**Għar-raġunijiet kollha premessi, u fil-kontumaċja tal-konvenuti, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi –**

**(i) Tiddikjara illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi Dokument "A", "B", "F", "G" u "H", partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-soċjetà Property and Finishings Limited u Pierre Spiteri (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati; (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew; (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess soċjetà Property and Finishings Limited u Pierre Spiteri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi;**

**(ii) Tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenuti s-soċjetà Property and Finishings Limited u Pierre Spiteri jħallsu flimkien u *in solidum***

**bejniethom, lis-socjetà attrici s-somma ta' tliet mija u tlett elef, tnejn u tmenin euro u tmin ċenteżmi (€303,082.08), bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-soċjetà Property and Finishings Limited u Pierre Spiteri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C", Dok "D1" sa "D2" u Dok "E1" sa "E2"), flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-9 t'Ottubru 2014 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija**

--------------------TMIEM---------------------